**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Giovanni Grixti LL.M. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Paul Vassallo)**

**- vs -**

**Angelo Micallef li joqghod**
**'Ix-Xaghri', Triq ta' l-Ghajn, Fontana, Ghawdex.**
**(I.D. 33546G)**

Illum 7 ta' Frar 2001.

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat talli fl-14 ta' Lulju 1999 u fil-jiem immedjatament segwiti u mbaghad fit-30 ta' Settembru 1999 abbuzivament u bla ebda dritt, bil-hsieb illi jezercita jedd li jippretendi li ghandu wettaq xoghol fil-hajt estern tal-fond 45, Triq Mons Giuseppe Farrugia, Victoria billi mblokka tieqa li kienet tezisti f'dak il-fond bil-gebel.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li barra l-piena stabbilita mill-istess Onorabbli Qorti jekk jinstab hati jorbot lill-imputat li jnehhi l-gebel li bih imblokka din it-tieqa fi zmien qasir illi jigi ffissat ghal dan il-ghan u dan taht penali ghal kull gurnata fin-nuqqas ai termini ta' l-artikolu 377 (3) tal-Kodici Kriminali.

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat illi oltre l-provi tal-partijiet, il-Qorti accediet fuq il-post fejn kien konstatat illi minn naha tal-kwerelanta, din tallega illi l-fetha fuq il-proprjeta ta' l-imputat kienet tintuza bhala armarju. Minn hawn irrizulta illi huwa minnu li hemm din il-fetha izda l-Qorti qatt ma rat armarju daqshekk fqir u primittiv sempliciment biex persuna tghid li dak hu armarju. Minn ezami tal-fatti kollha jirrizulta illi din il-fetha infethet ricentement sabiex il-kwerelanta tivvinta xi dritt kontra l-imputat.

Stante li ma jirrizulta l-ebda rejat da parti ta' l-imputat, il-Qorti ma ssibux hati u tilliberah.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg

Skrivana

Vera Kopja

Ghar-Registratur